## Balzani li għamel isem fil-qasam ambjentali fis-seklu l-ieħor

# Il-Professur John Borg M.A., M.D.

Silvio Cassar

Bniedem li mingħajr l-ebda dubju, għamel ġieħ lil pajjiżu lejn l-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 u li jistħoqqlu jissejjaħ 'Missier il-Ġonna' huwa l-Professur John Borg M.A., M.D. Il-Prof. John Borg twieled f'Ħal Balzan fid-9 ta' Novembru 1873 u miet fl-4 ta' Mejju 1945 fl-età ta' 72 sena, iben Angela Borg u Josephine imwielda Zammit.



*Il-Profs. John Borg*

Il-Professur beda l-kors tal-Mediċina u wara tliet snin ħa l-grad tal-*Master of Arts* u wara sar tabib għax kiseb il-lawrja fl-1898. Hu kien tabib tajjeb iżda kellu l-ġibda għall-istorja naturali. Il-Gvern impjegah bħala Supritendent tal-Ġonna u tal-Pjantaġjon.

Il-ġonna f'Malta kienu dawk ta' Sant'Anton, iż-żewġ Ġonna tal-Barrakki ta' Fuq u t'Isfel u dak tal-Mall. Dawn kienu mimlijin siġar imma l-Professur tahom sura ta' ġonna. Il-ġnien ta' Sant'Anton kien fi stat li jġiblek ħniena, fetaħ passaġġi u għamel is-serer. Is-serra l-kbira kienet imgħammra bl-isbaħ kollezzjonijiet ta' pjanti fosthom Orchide, Kamelji u Ġardenji.

Aktar minn hekk, hu ħoloq diversi ġonna ġodda; fil-Furjana nsibu Rundell Garden li llum hu parkeġġ tal-karozzi, Pjazza Meratore, il-ġnien tal-Milorda u l-ġnien Howard li jinsab fir-Rabat. Fil-Buskett żied il-kwalità ta' siġar u żied l-art ukoll. Luqa Briffa Gardens fiż-Żejtun, il-ġnien tal-Kmand f'Ħal Lija, il-Katakombi tar-Rabat, l-Experimental Farm tal-Gvern fl-Għammieri, Rundell Gardens fir-Rabat Għawdex, siġar fit-toroq ta' Malta u Għawdex, il-ġonna fid-daħla tal-Bombi, Spencer Gardens fil-Blata l-Bajda u l-Ġnien ta' Hastings fil-Furjana u oħrajn li m'għadhomx jeżistu fosthom Ġnien is-Sultan fid-daħla tal-Belt Valletta (illum hemm il-grawnd tal-futbol).

Kiteb diversi kitbiet dwar il-botanika fosthom *Catalogo Regionato Delle Piante di San Antonio*, *Fruit Trees in the Maltese Islands*, *Gardening in Malta, il-Biedja u l-Mard ta' Agrumi* (1890), *Remains of the Prehistoric Flora of Malta, Disease of Orange Trees and their Treatments*, *Kakti*, *A Gardener's Handbook for their Identification* (1927), *Agriculture and Horticulture in Malta* (1915).

L-aħħar ktieb li kiteb kien jismu *The Cactus* fl-1933 u ġie stampat fl-Ingilterra għand id-ditta Macmillan. Sadanittant, il-Prof. Borg kien ħalla l-kotba tiegħu lill-Bibljoteka tal-Gvern. Kien ħalla legat ta' £4,000 sabiex bir-renti tagħhom dak l-istudent li jkun l-aħjar ikun jista' jmur jistudja barra. Lill-Università kien taha mikroskopju sabiħ, komplut minn kollox.

Lill-Ġnien Botaniku tal-Università, il-Prof. Borg kien ħalla l-famuża kollezzjoni tal-Kaktus u tas-Sukkulenti, madwar 4,000 pjanta li fihom hemm 600 speċi differenti. Dan kien rigal li ssiġilla l-imħabba li kellu lejn il-Botanija.

Fl-1919, il-Gvern Kolonjali kien għażel lill-Prof. John Borg bħala Supretendent tal-Agrikultura. Kienet għażla f'lokha. Dan malajr beda jagħti ħajja ġdida lil dan is-settur b'xiri ta' għodod ġodda, twaqqif ta' taqsima kontra l-mard u beda jippubblika rivista li kienet toħroġ kull xahar li kien jisimha 'Melita Agrikola'.

F'dak iż-żmien, l-Experimental Farm kien fir-raba' tal-Imgieret iżda hu malajr ħaseb biex dan

il-qasam ikun f'xi post aħjar. Għaldaqstant kien waqqaf l-Għammieri.

Fl-1921, is-Self Government kien ħatar lill-Prof. Borg sabiex jokkupa l-katedra tal-Istorja Naturali fl-Università Rjali, kariga li aktar kompliet tħeġġeġ il-qalb tal-Prof. Borg, u fl-istess ħin kompla jagħti l-għerf li jippossiedi lil ħaddieħor.

Tagħrif miġbur mill-Gazzetta *Ħal Balzan* – Novembru/ Diċembru 1973




*Il-lapida mal-faċċata tal-Każin tfakkar lil Prof. John Borg*

Maltco LOTTERIES

CHRIS FARRUGIA

96, The Lotto Office
Triq il-Kbira, Ħal Balzan

LOTTO U*BET Bingo 75 quick Keno non-stop Scratchers instant tickets quick Keno non-stop

DAVID FRESH FRUIT & VEG

*(Next to the Church)*

Tuesday: 5pm onwards
Saturdays: 6am - Noon
MOB: **7971 1912**

